**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 62** -L-Erbgħa 31 ta' Jannar 2024 fl-4:00pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem L- Erbgħa 31 ta' Jannar 2024 fl-4:00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 62.1 Talba

62.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 62.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

62.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li l-Kunsill ħa sehem fil-Gozo Tourism Awards 2023 permezz ta' numru ta' attivitajiet li l-Kunsill tagħna

jtella' matul is-sena fosthom 'Iljieli Sajfin', St Patrick's, Festa Roti, Milied, Halloween, Coocmelon Night, Echoes by the Sea u oħrajn. Sfortunatament ma' rbaħniex dan l-award iżda żgur se nibqgħu naħdmu sabiex Għajnsielem ikun destinazzjoni turistika permezz tal-attivitajiet li norganizzaw.

62.4.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-quddiesa li kellna u festin fl-okkazzjoni tal-għeluq tal-100 sena ta' Mary Gauci ta' Triq Ħamri u bħala Kunsill kien sabiħ ħafna li attendejna u ngħatalha tifkira għaziza f'din l-okkazzjoni rari.

62.4.3 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li saru minħabba l-calm traffic measures ta Triq Borg Għarib. Filwaqt li faħħar l-inizijattivi li bdew jsiru da parti ta' Transport Malta sabiex jitnaqqsu l-inċidenti l-fatt li issa m'għadux possibbli li vettura tmur lejn id-direzzjoni tal-Qala jew Nadur minn Triq Simirat huwa ta inkonvenjent kbir għar-residenti u dan jiċħdu n-numru kbir ta' complaints li rċevejna. Sar qbil li issir talba ma' Transport Malta sabiex jiġi riveduta din deċizjoni.

62.4.5 Is-Sindku rrefera għal fatt li Il-ħaddiem Frankie Saliba qed jidħol jagħmel numru żgħir ta' sigħat extra waqt attivitajiet jew każi ta' emerġenza u għandu jkun xieraq li jkun hemm xi tip ta' kumpens żgħir għal ħin tiegħu ta' wara ix-xogħol speċjalment fil-weekends u filgħaxija. Sar qbil li għandu jingħatalu l-prezz ta' €10 is-siegħa għal kull meta jkun hemm ħtieġa ta' għeluq ta' toroq jew tpoġġija ta'tabelli. Għanda ssir rassenja apposta u jinkiteb x'tip ta' xogħol jew attivita tkun saret.

62.4.6 Saret referenza għall ittra minn 'Gozo Gecko Gang' fejn talbu l-użu tal-art ta' Passi sabiex jintuża mill-għaqda tagħhom sabiex jagħmlu sezzjonijiet ta' cleanup' tagħlim fuq l-ambjent, hands-on etc. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

62.4.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall- iskema ġdida li ħarġet mill-LESA Proġetti fil-Komunitajiet 2024 fejn għal darb'oħra kull sena għal tlett snin hemm miljun ewro sabiex jinqasmu bjen kunsilli għal proġetti. L-massimu li nisgħtu nibbenefikaw huwa ta' €80,000. Is-Sindku propona li l-aktar proġett li għadna l-preparament kollha lest u li jagħmel sens huwa l-proġett ta' pavimentar quddiem l-Knisja ta' Lourdes fejn diġa applikajna għal permessi. Il-progett totali jammonta ghal madwar €100,000. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li ghandu jissottometti l-applikazzjoni.

62.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għad-delegazzjoni minn Tolfa li ġiet fostna fil-bidu ta Jannar inkluż il-Viċi Sindku Laura Pennese u l-Assessore Alessandro Tagliani.

62.4.9 Saret talba għal bozza ġdid fi Triq ġdida il-ġewwa minn Triq Sant Antnin. Din it-talba ġiet approvata.

62.4.10 Sar qbil li hekk kif ġie ffurmat il-kumitat tal-boċċi u sar MOU mal-Każin tal-Banda, il-kunsill se jgħin lil din l-għaqda sportiva ġdida fil-bini tal-istrutturi sabiex dan l-sports li kien tant popolari u twaqqaf fl-aħħar snin jerġa jibda mill-ġdid.

**62.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

62.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttiegieg semma li ġie avviċinat minn żewġ eks plejers fejn talbu li norganizzaw Get Together li plejers veterani. Il-Kunsill qabel li għandna ninkorporaw din l-attivita' ma xi attivita' oħra u tiġi diskussa mal-Kumitat tal-Football.

62.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nibgħatu nifirħu lill-Ministru tas-Saħħa Jo Etienne Abela għall-ħatra ġdida tiegħu u wkoll nitolbuh jerġa jibda jopera mill-ġdid is-servizz tal-berġa f'Għajnsielem.

62.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar meta ser titranġa t-triq ħdejn Rapa Stores. Is-Sindku wieġbu li dik ser titranġa permezz tal-kuntratt ta' major patching meta ssir Triq Hamri u diġa tkellem mal-kuntrattur. Madanakollu huwa fatt magħruf li l-kuntrttur huwa mgħobbi b'ħafna xogħol ta' toroq oħra.

62.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-kritika li qed inlaqqtu minħabba d-dewmien tal-proġett tal-latrina. Is-Sindku wieġbu li hija tal-mistħija dan id-dewmien u li qed niġru wara l-kuntrattur kontinwament, meta dan l-istess kuntrattur ġie awarded xi ħames offerti oħra magħna u mhu qed ikompli l-ebda proġett.

62.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar ir-rispons li kellna għall-applikazzjoni ta' School grannies. Is-Sindku wieġbu li l-applikazzjoni għalqu u ma applika hadd. Sar qbil li għandna nerġghu noħorġuha għall-pubbliku.

62.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal mera fi Triq Sant'Antnin għax twaħħlet u ġiet sewwa ħafna. Sadanittant huwa talab sabiex tittranġa mera fi Triq Dun Gużepp Cauchi.

62.5.7 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar jekk hemmx xi issue fi Triq Sant' Indrija fejn xi ħadd li talab biex joħrog mill-garage tiegħu. Is-Sindku wieġbu li hemm sitwazzjoni fejn inbniet binja ġdida b'garage u quddiema kien hemm double yellow line u ġie refreshed. Inqalgħet problema mir-residenzi għaliex naturalment intilef parkeġġ u qed tigi trattata ma' Transport Malta.

62.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal-proġett tas-Salib. Huwa semma' li bħala spejjes iridu madwar disgħin pajp għal prezz ta' €16 -il wieħed u dawl. Għal din l-attivita' l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €4000 mill-Ministeru għal Għawdex. Sar qbil li kemm jista jkun ma għandux jinqabeż l-ammont tal-għotja.

## 62.6 Korrispondenza

62.6.1 Ġiet trattata l-ittra mis-Sindku ġdid ta' Bethlehem fejn infurmawna li issa s-Sindku m'għadux Hanna Hanania iżda issa hemm Adv. Anton Salman. Il-Kunsill bgħatt ittra ta' ringrazzjament lil Hanania u awgurju lis-Sindku l-ġdid u nittamaw li l-quddiem jkun hemm lok ta' tiġdid tal-ħbiberija li diġa teżisti bejn Għajnsielem u Bethlehem.

62.6.2 Waqt il-laqgħa ġew rappreżentanti mill-Aġenzija Żgħażagħ - Agenzija nazzjonali u governattiva li l-Hub tagħha jinsab f'Għajnsielem stess u jsir ħafna xogħol maż-żgħażagħ u flimkien magħhom ġew diskussi xi proposti li joffru ta' Lifeskills. Huma qed joffru li jsiru xi sezzjonijiet anke mill-Kunsill stess. Huma spjegaw ukoll li qed issir kollaborazzjoni anke ma' Radio Lauretana dwar l-użu tar-radju u l-involviment dirett tagħhom. L-għan tagħhom huwa li waqt il-perijodu ta' formazzjoni dawn ikunu kapaċi jaffaċċjaw ċerti ostakli tal-ħajja. Il-Kunsill qabel li għandu jibda joffri dawn is-sezzjonijiet ta' taħriġ bla ħlas. Sar qbil li dawn is-sezzjonijiet għandhom jibdew fit-tieni ġimgħa ta' April għal tmien ġimgħat konsekuttivi. Jibdew b'xi ħaġa li taħdem u sservi ta' *stepping stone* għal programmi oħra. Sar qbil li huwa mportanti ma jikklexjawx mal-lezzjonijiet tal-Museum u tal–Football.

## 62.7 Wara Milied 2023

62.7.1 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet tal-Milied u li minkejja din is-sena kienu mfassla fuq budget ristrett jikkunsidrahom bħala sodisfaċenti. Is-sezzjonijiet tal-ftuh ta' Bethlehem f'Għajnsielem kellhom attendenza tajba għalkemm kien hemm ġranet li t-temp ma kienx sabiħ. Huwa spjega li globalment il-Milied f'Għajnsielem kien suċċess u konna wkoll minn fuq ta' quddiem f'dak li huwa tiżjin u attivitajiet.

62.7.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal Bethlehem f'Għajnsielem u rrimarka li minkejja li n-nies għadha tridu u l-attendenza tkun numeruża, jħoss li qed naqtgħu lura bħala atturi u personaġġi. Jekk nibqgħu sejrin hekk għalkemm kulħadd jiftaħar bih, ma jistax jibqa jiġi rikonoxxut bħala proġett kbir. Huwa jħoss li din is-sena kellna ħafna affarijiet neqsin fosthom is-suldati u l-personaġġ tal-pasturi.

62.7.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa li fejn jidħħol Bethlehem f'Għajnsielem l-għaqdiet għandhom jikkontribwixxu lura b'xi tip ta' kumpens.

**62.8 Approvazzjoni tal-Evalwazzjoni tal-offerta tat-tindif Wied Simirat**

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-offerta waħda li daħlet għal din l-offerta u wara li saret l-evalwazzjoni l-Bord sab li hija kompatibbli. Il-Bord irrakkommanda li l-għazla taqa' fuq il-kumpanija B2All li tefgħet l-offerta għall prezz ta' €42,900. Il-Kunsill qabel mal-għażla tal-Bord u sar qbil li għandu jiffirma l-kuntratt tax-xogħol.

**62.9 Applikazzjoni ta' Corallo Community**

62.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-opportunita' li nistgħu nidħlu bħala partners fi proġett ieħor tal-Interreg Italia-Malta bl-isem ta' Corallo Community. Il-lead partners ser ikunu l-Universita' ta' Malta flimkien ma' partners sqallin. L-ammont li ħa napplikaw għalih huwa ta' madwar €220,000 li jvarja minn attivitajiet edukattivi, studji fuq il-baħar, aktar infrasturttura fiċ-Ċentru Marittimu u estenssjoni tat-terrazzini ta' quddiem il-Kunsill u l-Istess ċentru. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'dan il-proġett.

**62.10 Update dwar il-proġetti**

62.10.1 **Playingfield Gudja** - Is-Sindku spjega li minkejja li dan il-proġett huwa komplut, se jinqalgħu l-bollards tat-triq minħabba l-Compliances fuq talba ta' Transport Malta billi suppost ma jkun hemm ebda ostaklu fit-triq imbagħad eventwalment meta jkollna d-dawl, jiġu installati s-CCTVs fil-post.

62.10.2 **Triq Hamri** - Is-Sindku spjega kif ix-xogħol ta' drenaġġ li issa wasal ħdejn Triq Malta. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar il-wisgħa tal-katusi li kien hemm ilmenti li huma dojoq. Is-Sindku wieġbu li huwa ċċekkja mal-Perit dwarhom u kellu konferma li dawk huma standards tal-WSC. Huwa previst li sal-aħħar ta' Marzu jkun lest kollox għal ewwel wiċċ tat-tarmac.

62.10.3 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega li din il-gimgħa beda ix-xogħol fuq il-mosaic. Norbert Cauchi qed jieħu ħsieb il-preparazzjoni tal-installazjoni tal-meter tad-dawl għaliex minflok street lighting se jkun hemm meter sabiex nkunu nistgħu nagħmlu wkoll CCTV. Il-ħadid tal-bankijiet huwa lest mill-powdercoating u qed nistennew l-kuntrattur jiġi jibda xogħol tal-qafas ta' taħt

l-bankijiet. Il-canopy qed tinżebaħ mill-ħaddiema tagħna filwaqt li tħawwil ta' pjanti fuqha sar minn Joseph Bonello permezz ta' pjanti sukkulenti.

62.10.4 **Librerija u ċentru marittimu** - Dan il-proġett huwa prattikament lest. Jonqos biss ftit xogħol żgħir ta' printing, xkaffar tal-mudelli tad-dgħajjes u bieb li jagħti għal iskola u shifting tal-kotba biex b'hekk tkun tista tigi nawgurata u tibda tintuża.

62.10.5 **Public Convenience** - Is-Sindku spjega kif sfortunatament minkejja l-pressjoni li qed issir mal-kuntratturi koncernati, ix-xogħol ghadu lura ħafna. Il-kuntrattur Richard Cauchi jonqos li jgħaddi l-kumplament tal-plumbing u l-kuntrattur Mark Attard ikun jista jkompli bit-tpoggija tal-madum. Id-dawl huwa lest.

62.10.6 **Proġett – Belveder Triq Qigħan** - Is-Sindku spjega kif dan il-proġett huwa kważi lest. Jonqos biss li l-Enemalta tixgħel id-dawl. L-applikazzoni diġa saret. Fadal wkoll ftit xoghħol ta' mosaic u l-installazzjoni tal-bankijiet.

62.10.7 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini** - Għal dan il-proġett is-Sindku spjega li l-fanali se jaslu fl-aħħar ta' Frar. Jifdal imbaghad ix-xogħol tal-kuntrattur tal-bollards.

62.10.8 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** Is-Sindku rrimarka li qed nistennew l-kuntrattur jiġi sabiex jibda

62.10.9 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra -**Is-Sindku rrimarka li ghal dan il-progett ukoll qed nistennew l-kuntrattur jiġi sabiex jibda

62.10.10 **Tisbieħ quddiem Kappella ta' Lourdes** - Is-Sindku spjega kif ghal dan il-proġett ġew applikati l-permessi neċessarji mill-Perit Shawn Micallef u se napplikaw għal funding mal-LESA taħt l-iskema 'Progetti fil-Komunitajiet 2024'.

62.10.11 **Bini Arkata** - Għal dan il-proġett tfajna l-applikazzjoni mad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar u qed nistennew risposta iżda jidher li m'għandux jkun hemm problema ta' funding.

62.10.12 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija** - Għal dan il-proġett li ser inwettqu flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija saret applikazzjoni għal DNO mal-Planning Authority u qed nistennew l-eżitu tagħha.

62.10.13 F'dan l-istadji s-Sindku talab sabiex isir pjan tal-inawgurazzjoni tal-proġetti kapitali li waslu fil-fażi finali tagħhom. Għall inawgurazzjoni ta' Pjazza Tolfa propona li jinfetaħ mill- Ministru għal Għawdex u Pjanar u nistiednu wkoll lill-Hon Alessandro Battilocchio flimkien mal-Kunsill ta' Tolfa L-inawgurazzjoni għandha ssir lejn l-aħħar ta' April bidu ta' Mejju. Għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Qigħan sar qbil li ssir attivita' qrib l-Għid. Għandu jinfetaħ minn uffiċjali tal-LESA flimkien mal-President tar-Reġjun Ghawdex u tal- LESA. Għall-inawgurazzjoni tal-Librerija u Ċentru Marittimu sar qbil li għandu jsir għal bidu ta' Marzu. Sar qbil li peress li l-proġett huwa wieħed ta' certu kobor għandna nistiednu lil Prim Ministru jew President biex jifthu hu. Sar qbil ukoll li għandna nistiednu lil partners tal-progetti Amppa u Corallo, CEO tal- Libreriji, Uffiċjali mill-Ministeru tal-Biedja u Sajd, Membri Parlamentari, Kap tal-iskola fost oħrajn.

## 62.11 Weekend Break f'Malta

62.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-option li rċevejna dwar weekend break fis-San Antonio DB bejn it-8 u l-10 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza mawra u l-prezz għal kull persuna għandu jkun dak ta' €140 li jinkludi akkomodazzjoni full-board u trasport matul il-weekend kollu.

62.11.2 Bħala programm il-Kunsill qabel li l-Ġimgħa nibqgħu fil-lukanda għal ftit ħin ta' mistrieħ, is-Sibt neħduhom sal-Belt u possibilment il-Verdala, u l-Hadd neħduhom Marsaxlokk u lura lejn Għawdex.

## 62.12 Attivitajiet li jmiss – Karnival u St. Patricks

62.12.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet li għandna ġejjin fil-ġimgħat li ġejjin. L-ewwel attivita hija dik tal-Karnival u għaliha għandna għotja mill-Ministeru għal Għawdex ta' €1500. Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lil Ron biex jippreżenta.

62.12.2 L-attivitajiet li jmiss fix-xhur ta' Marzu u April huma dawk tas-St. Patricks u Festa Roti. Huwa spjega kif qed nistennew il-funding tal-applikazzjonijiet biex inkunu nistghu nduru magħhom. Is-Sindku spjega kif qed nipprovaw neliminaw id-DJ biex nevitaw spejjes ta' pulizija u drug squad. Sar qbil li l-attivita' għandha tibda f'nofsinhar u tkompli minn band għall-ohra. Sar qbil li għandna niltaqghu mas-Supretendent tal-Pulizija biex niddiskutu l-attivita'.

62.12.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li peress li din l-event ser tikber, huwa xieraq li ninvolvu aktar għaqdiet biex jibbenifikaw minn din l-attivita'.

**62.13 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u Staff.**

62.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taħdem bi professjoni f'dawk li huma applikazzjonijiet ta' skemi u tmexxija tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropea li jirrikjedu dedikazzjoni sħiha. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u li għandha tingħata l-massimu bil-qawwa kollha. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha u sens ta' teamwork li jaħdmu bih.

62.13.2 Fir-rigward tal-istaff, is-Segretarju Eżzekuttiv proponiet li għandhom jingħhataw il-Performance Bonus massimu dak ta' 6%. Il- Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**62.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

62.14.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 128.

**62.15 Materji oħra**

62.15.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskuss.

**62.16Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.16.1 Il-laqgha ntemmet fis-6:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**